# LIL BINTI

Rajtek titwieled u ġo qalbi nibtet
Imħabba li għal ħadd ma kont ħassejt;
imlejtni b'ferħ li kull ferħ ieħor jisboq,
li nibki bdejt.

Ħlomt bik, u min jaf kemm: fil-ħolm stħajjiltek
mara sbejħa bħal ommok u bħal ommi,
ġawhra f'għajnejja għaxqa ta' ħajti,
għanja ta' fommi.

Għassistlek jumejn sħaħ tingħi mitlufa,
u bit-tnehida tiegħek qalbi fnejtha...
Int fl-aħħar skitt... u ksaħt mbagħad għal dejjem:
u bkejtek mejta.

Issa ma' ġenb missieri u fi ħdan ommi,
sakemm għalija ddoqq is-siegħa tiegħek,
qiegħda tistenna lili niġi fejnek:
qalbi ġa miegħek!

C. M. B.